# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 985/01**

**Numru 23**

**Avukat Dott. Simon Galea Testaferrata ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera D & J Simons & Sons Limited tal-Ingilterra**

**vs**

**Ruggier Co. Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur noe ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' 5,999.41 lira Sterlina, ekwivalenti ghal tlett elef, tmien mija u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm3,870.59), jew somma ohra verjuri, rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, u bl-isepjjez legali, komprizi dawk tal-ittri interpellatorji datati 19 ta' Ottubru 2001 u 2 ta' Novembru 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur noe sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-11 ta' Settembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur noe s-somma ta' Lm3870.59,0 bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tad-19 ta' Ottubru 2001 u tat-2 ta' Novembru 2001.

Anthony Zammit
Deputat Registratur